**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Collisions**

**Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Sultana**

**Illum, 16 ta' Lulju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Emanuel Sultana, detentur tal-karta tal-identità numru 020966G, li permezz tagħhom ġie akkużat li;

*…fil-31 ta' Marzu 2017, għall-ħabta ta' 12.10hrs, fi Triq il-Latnija, limiti tal-Mellieħa, soqt il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBQ 341:*

1. *Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura nru JBQ341 fi triq jew f' post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorta jew drogi;*
2. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;*
3. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;*
4. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;*

5. *U b'nuqqas ta' ħsieb, u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħbatt ma' vettura nru FRN 810, u involontarjament, ikkaġunajt ħsarat għad-dannu ta' Francesca Debattista;*
6. *U aktar talli nsulentajt jew heddidt lil Karl Matthew Debattista, jew jekk kont provokat, inġurjajt b'mod li ħriġt mil-limitu tal-provokazzjoni;*
7. *U aktar talli fl-istess data, ħin u lok, xħett jew ħallejt warajk xi flixkun, landa, kontenitur tal-ikel, karta għall-ippakkjar tal-ikel, ħġieġ, frak tal-ikel jew kull artiklu jew ħaġa oħra, u ċioè flixkun tal-ħġieġ Smirnoff Red Vodka f'xi post pubbliku;*
8. *U aktar talli fl-istess data, għall-ħabta ta' 14.30 hrs ġewwa l-Isptar Mater Dei l/o Msida, inqast jew irrifjutajt li tagħti kampjun tan-nifs skont il-Liġi.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat/a mil-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.*

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda.

Rat li din il-kawża giet assenjata biex tinstema' minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Semgħet sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Preliminarjament, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ġie eċċepit mid-difiża fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018, fejn ġie ddikjarat mill-istess difiża li l-ewwel, il-ħames, is-sitt u s-seba' akkużi huma preskritti. Il-Qorti qieset li l-imputat ġie notifikat b'dawn l-imputazzjonijiet fit-22 ta' Ġunju 2017, hekk kif jirriżulta mid-dokument a fol 14. Għaldaqstant, ma jirriżultax li dawn l-imputazzjonijiet imsemmija mid-difiża huma preskritti.

Dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, jidher li l-Prosekuzzjoni ressqet lil Karl Matthew Debattista u martu, Francesca Debattista, bħala xhieda, li entrambi, ma għarfux lill-imputat bħala dik il-persuna li kienet qed issuq il-vettura li ħabtet ġol-vettura tagħhom. Mix-xhieda, jirriżulta li huma ma jafux b'ċertezza min kien li saq il-vettura fl-ewwel okkażżjoni meta saret il-ħabta għall-ewwel darba, u fit-tieni okkażżjoni meta saret il-ħabta għat-tieni darba. Entrambi kkonfermaw li kien hemm persuna oħra fil-vettura li ħabtet mal-vettura tagħhom u li għalhekk, ma jistgħux jeskludu li kienet it-tieni persuna li saqet il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBQ 341. Mill-affidavit ta' PS 914 Ivan Mifsud, jirriżulta li dan kien involut meta mar fuq il-post, u kien sab lil Emanuel Sultana ġià mitfugħ mal-art. Għalhekk mix-xhieda ta' PS 914, lanqas jista' jiġi stabbilit b' ċertezza u lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien l-imputat li kien qed isuq. Din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li dawn l-imputazzjonijiet huma attribwibbli għall-aġir u/jew ommissjoni da parti tal-imputat.

Dwar is-sitt imputazzjoni, din ma tirriżultax. Dana peress li mix-xhieda ta' entrambi Karl Matthew Debattista u l-mara tiegħu, Francesca Debattista, dawn la għarfu lill-imputat meta kienu qed jixhdu, kif ukoll lanqas ma xehdu fis-sens ta' kif u b'liema mod u kliem Karl Matthew Debattista ġie nsulentat jew mhedded. Il-Qorti sejra għalhekk, tillibera lill-imputat minn din l-akkuża.

Dwar is-seba' imputazzjoni, Karl Matthew Debattista u Francesca Debattista, fl-ebda ħin ma xehdu fis-sens li raw lill-imputat jiddepożita jew jarmi xi flixkun tal-vodka Smirnoff Red Vodka fit-triq. Dan jissemma biss minn PS 914, iżda dan sab biss il-flixkun, u ma rax lill-imputat jiddepożita dan il-flixkun fit-triq. Għalhekk, anke din l-imputazzjoni, ma ġietx ippruvata.

Dwar it-tmien imputazzjoni, din l-imputazzjoni hija maħruġa fid-dawl tal-Kap 65 li jirregola r-regolamenti tat-traffiku. Gjaladarba, ma tressqitx prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien l-istess imputat li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni, u ġjaladarba l-Kap 65 ma jagħti ebda setgħa lill-Pulizija li tara jekk persuna hix fi stat ta' sokor jekk din tkun passiġġier f'karozza, din l-imputazzjoni lanqas ma tista' treġi.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti mhux qed issib lil Emanuel Sultana ħati, u qed tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur